

Brussell, 27 ta' Frar 2020
(OR. en)

6425/20

CLIMA 47
ENV 142
FIN 124
ENER 71
TRANS 80

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Frar 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5923/20	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 18/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtiegħ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtiegħ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni", kif adottat mill-Kunsill fit-3753 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Frar 2020.

Rapport Speċjali Nru 18/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹.

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 18/2019 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;
3. JIRRIKONOXXI l-importanza li jinżammu inventarji tal-gassijiet serra tal-UE ta' kwalità għolja;
4. JAQBEL dwar l-importanza ta' valutazzjoni regolari u adegwata tal-effetti tal-politiki u l-miżuri tal-Istati Membri u tal-UE fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tiġi evalwata l-effettività tagħhom u bil-ħsieb li tittejjeb aktar il-kwalità tal-inventarji tal-gassijiet serra;
5. JAQBEL li huwa importanti li jittejjeb aktar l-għarfien dwar it-tnaqqis futur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tittejjeb aktar il-kapaċità li jiġi previst l-impatt tal-politiki fuq l-emissjonijiet futuri;

¹ 7515/00 + COR 1

6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis kif tista' tittejjeb aktar il-koerenza bejn il-projezzjonijiet nazzjonali u dawk li jsiru mill-Kummissjoni, pereżempju dwar kif jiġu vvalutati l-impatti fuq l-emissjonijiet miksuba permezz ta' politiki u miżuri ewlenin tal-UE, bħall-Iskema ta' Negożjar tal-Emissjonijiet, ir-regolamenti dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport bit-triq, u setturi oħra koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, u, fil-każ ta' projezzjonijiet nazzjonali dwar l-emissjonijiet mill-agrikoltura, permezz ta' gwida addizzjonali u għajnuna fl-ippjanar; JILQA' l-kontribut tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' kapaċità ta' mmudellar tal-UE li tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għall-valutazzjonijiet tal-Istati Membri;
7. JINNOTA li l-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) biex tesplora modi kif jiġu integrati aħjar il-verifiki fuq l-inventarju tas-settur tal-LULUCF fil-proċess tal-istess verifiki għal setturi oħra; JILQA' tali sforzi lejn approċċ aktar unifikat u standardizzat, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;
8. JIRRIKONOXXI li s-settur tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ilħuq tal-miri klimatiċi fit-tul tal-Unjoni u dawk internazzjonali; IFAKKAR li l-mekkaniżmu ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE² jipprovdi qafas transettorjali li jkopri, fost oħrajn, l-agrikoltura u s-settur tal-LULUCF, abbażi ta' pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima biex jiġi żgurat l-ilħuq tal-oġġettivi klimatiċi tal-UE għall-2030 kif ukoll l-istrateġiji fit-tul tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi;

² Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

9. JAPPOĠĠA l-isforzi tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) lejn l-implimentazzjoni rapida tal-istrateġija inizjali tagħha dwar il-gassijiet serra u ser ikompli jsegwi l-progress miksub fl-OMI, b'kont meħud tar-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-progress miksub fl-OMI f'dan il-kuntest; IFAKKAR li l-UE għandha fis-seħħ sistema għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vapuri li jidħlu f'portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea;
 10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-Rapport Speċjali fil-limiti ta' żmien issuġġeriti.
-